



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0417/2012**

11.12.2012

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni FEG/2011/013 DK/Flextronics mid-Danimarka)  
(COM(2012)0623 – C7-0362/2012 – 2012/2278(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Jan Kozłowski

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	7
NOTA SPJEGATTIVA .....	9
ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI .....	13
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	16

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni,  
skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament  
Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni  
finanzjarja soda (applikazzjoni FEG/2011/013 DK/Flextronics mid-Danimarka)  
(COM(2012)0623 – C7-0362/2012 – 2012/2278(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0623 – C7-0362/2012),
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda<sup>1</sup> (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>2</sup> (ir-Regolament FEG),
  - wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu stipulata fil-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006,
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0417/2012),
- A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex tagħti appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija u biex jiġu megħjuna jergħu jintegraw fis-suq tax-xoġhol,
- B. billi l-ambitu tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi sostenn għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,
- C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG,

---

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

- D. billi d-Danimarka talbet għajnuna għal 303 sensji, li minnhom 153 huma fil-mira tal-għajnuna, għewwa Flextronics International Denmark A/S matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur mill-1 ta' Lulju 2011 sal-31 ta' Ottubru 2011, inklużi 87 sensja barra l-perjodu ta' referenza iżda li huma relatati mal-istess proċedura ta' sensji kollettivi.
- E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament FEG,
1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament FEG huma ssodisfati u li għalhekk id-Danimarka hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;
  2. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi ressqu l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fil-21 ta' Diċembru 2011, issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali sat-23 ta' Awwissu 2012, u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni biss fid-19 ta' Ottubru 2012; jiddispijaci dvar il-perjodi twal ta' evalwazzjoni u jistaqsi għaliex din l-applikazzjoni partikolari Mid-Danimarka kienet teħtieġ valutazzjoni ta' 10 xhur; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef il-proċess ta' evalwazzjoni;
  3. Jilqa' l-fatt li sabiex il-ħaddiema jkunu pprovduti b'assistenza rapida, l-awtoritajiet Daniżi ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tal-miżuri fil-21 ta' Marzu 2012, qabel id-deċiżjoni finali dvar l-għoti ta' appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;
  4. Jilqa' l-applikazzjoni Daniża; jiddeplora l-fatt madankollu, li minkejja d-diversi mobilizzazzjonijiet Daniżi tal-FEG b'suċċess, kemm skont kriterji relatati mal-kummerċ kif ukoll dawk relatati mal-kriżi, id-Danimarka hija fost dawk il-pajjiżi li qed jipperikolaw il-futur tal-FEG wara l-2013 u qed jibblokkaw l-estensjoni tad-deroga marbuta mal-kriżi; huwa preokkupanti, barra minn hekk, li d-Danimarka qed tapplika għall-mobilizzazzjoni tal-fond FEG f'isem Flextronics International Denmark, stabbilita minn Flextronics International Ltd reġistrata f'Singapor, li ħa tmexxi l-faċilitajiet tagħha lejn l-Asja;
  5. Ifakkar fl-importanza tat-titjib fl-impjegabilità tal-ħaddiema kollha permezz ta' taħriġ adatt u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karriera professjonali; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għal-livell u għall-bżonnijiet tal-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja, iżda anki għall-ambjent kummerċjali proprju;
  6. Jitlob li jkun hemm reċiproċità fil-kummerċ bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi bħala kundizzjoni essenzjali biex il-kumpaniji tal-UE jiksbu aċċess għal swieq ġodda li mhumiex Ewropej;
  7. Jenfasizza l-fatt li għandhom jinsiltu tagħlimiet mit-tnejn u l-implimentazzjoni ta' din l-applikazzjoni u ta' applikazzjonijiet oħra li jindirizzaw sensji tal-massa;
  8. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi nnotaw li fil-valutazzjoni tagħhom mit-303 ħaddiem li ngħataw s-sensja huma biss 153 li jagħżlu li jipparteċipaw fil-miżuri; jistieden lill-awtoritajiet Daniżi jużaw l-appoġġ tal-FEG fil-potenzjal kollu tiegħu;

9. Jitlob li l-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi neċessarji biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jaċċeleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejba implimentata mill-Kummissjoni, b'segwitu għat-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bl-għan li l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni għall-FEG, flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG, tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja; jittama li fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) il-ġdid jiġi integrat aktar titjib proċedurali, u li jintlaħqu effiċjenza, trasparenza u viżibbiltà akbar tal-FEG;
10. Jinnota li r-reġjun ta' Midtjylland, fejn tinsab il-muniċipalitá ta' Skive, diġà bbenefika mill-appoġġ tal-FEG permezz ta' żewġ applikazzjonijiet: EGF/2010/017 Midtjylland Machinery u EGF/2012/003 Vestas;
11. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet li jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, biex jiġi pprovdut appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, immirat biex jgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li jista' jkollu l-FEG fir-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;
12. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi jipponu pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati li jiswa l-flus (EUR 12 891 kull ħaddiem); jilqa' madankollu l-fatt li l-pakkett jikkonsisti f'miżuri li huma addizzjonali u innovattivi meta mqabbla ma' dawk offruti regolarment mill-aġenziji tax-xogħol, u l-pakkett huwa adattat sabiex jassisti gruppi differenti ta' ħaddiema fir-rigward ta' ħiliet u esperjenza sabiex dawn ikunu jistgħu jaffrontaw is-suq tax-xogħol lokali diffiċli;
13. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jkun żgurat li l-FEG jappoġġa r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; jenfasizza wkoll li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri għas-suq tax-xogħol attivi li jwasslu għal impjiegi fit-tul; itenni li l-għajnuna mill-FEG m'għandhiex tiegħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas ma għandha tissostitwixxi miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
14. Jilqa' l-fatt li l-korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali għandhom fil-mira oqsma ġodda ta' tkabbir possibbli u li t-tfassil tal-pakkett koordinat huwa bbażat fuq riċerka dettaljata tas-suq tax-xogħol lokali u l-karatteristiċi tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja;
15. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati għall-finanzjament mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar kif jikkumplimenta azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkunx jista' jkun hemm duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;
16. Jilqa' l-fatt li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati joffri wkoll korsijiet għall-ftuħ

ta' negozju ġdid, previsti għal 20 ħaddiem; jinnota li ma huwa propost l-ebda inċentiv finanzjarju għall-ftuħ ta' negozji;

17. Jilqa' l-fatt li, wara talbiet mill-Parlament, il-baġit tal-2012 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fil-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; ifakkar li l-FEG nħoloq bħala strument speċifiku separat, bl-oġettivi u bl-iskadenzi tiegħu stess u għalhekk jistħoqqlu allokazzjoni speċifika, li tevita kemm jista' jkun trasferimenti minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, li tista' tkun ta' ħsara għall-ilħuq tal-oġettivi tal-politika tal-FEG;
18. Jieħu nota madankollu tal-kumpens għas-sussistenza ta' EUR 4 439 kull ħaddiem għall-parteċipazzjoni fil-miżuri u jqis li huwa għoli wisq; ifakkar li l-FEG fil-futur għandu jkun primarjament allokati għat-taħriġ u t-tiftix ta' impjieg kif ukoll għal programmi ta' orjentazzjoni tax-xogħol u li l-kontribut finanzjarju tiegħu għall-benefiċċji għandu dejjem ikun ta' natura addizzjonali u parallel ma' dak disponibbli għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja b'riżultat tal-liġi nazzjonali jew tal-ftehimiet kollettivi;
19. Jiddispijaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill li jimblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali u mhux biss lil dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fl-andament kummerċjali tad-dinja, u li tippermetti żieda fir-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni ta' 65 % tal-kostijiet tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011; jistieden lill-Kunsill jerġa' jintroduċi din il-miżura mingħajr dewmien;
20. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## **ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni FEG/2011/013 DK/Flextronics mid-Danimarka)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni<sup>2</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni u sabiex jgħinjom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 sat-30 ta' Diċembru 2011 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Id-Danimarka ppreżentat applikazzjoni fil-21 ta' Diċembru 2011 għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriża Flextronics International Denmark A/S fil-21 ta' Diċembru 2011 u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali sat-23 ta' Awwissu 2012. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ippreżentat proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 1 370 910.

---

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

- (5) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mid-Danimarka.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 370 910 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*



## NOTA SPJEGATTIVA

### I. L-isfond

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni nħoloq biex jipprovdi għajnuna addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda<sup>1</sup> u tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006<sup>2</sup>, il-Fond ma jistax jaqbeż ammont massimu ta' EUR 500 miljun, meħud minn kwalunkwe marġni taħt il-limitu massimu tal-infiq globali mis-sena preċedenti, u/jew mill-approprijazzjonijiet għall-impjenji li jkunu ġew ikkanċellati mis-sentejn preċedenti, esklużi dawk relatati mal-Intestatura 1b. L-ammonti xierqa jiddaħħlu fil-baġit bħala provvediment hekk kif ikunu ġew identifikati l-marġnijiet suffiċjenti u/jew l-impjenji kkanċellati.

Fir-rigward tal-proċedura sabiex tattiva l-Fond, fil-każ ta' valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, il-Kummissjoni tippreżenta lill-awtorità baġitarja proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond u, fl-istess ħin, talba korrispondenti għat-trasferiment. B'mod parallel, jista' jiġi organizzat trilogu bil-għan li jinstab qbil dwar l-użu tal-Fond u l-ammonti meħtieġa. It-trilogu jista' jsir f'forma ssimplifikata.

### II. Is-sitwazzjoni attwali: Il-proposta tal-Kummissjoni

Fid-19 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni adottat proposta ġdida għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur id-Danimarka sabiex il-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba tibdil strutturali kbir fix-xejriet kummerċjali dinjija jiġu meġġuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xoġhol.

Din hija t-tmintax-il applikazzjoni li se tiġi eżaminata fil-baġit 2012 u tirreferi għall-mobilizzazzjoni ta' ammont globali ta' EUR 1 370 910 mill-FEG għad-Danimarka. L-applikazzjoni tikkonċerna 216 sensja ġo Flextronics International Denmark A/S matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur mill-1 ta' Lulju 2011 sal-31 ta' Ottubru 2011 u 87 oħra barra l-perjodu ta' referenza iżda relatati mal-istess proċedura ta' sensji kollettivi. It-303 sensja ġew ikkalkolati kollha skont l-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fil-21 ta' Diċembru 2011 u ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali sat-23 ta' Awwissu 2012. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu tal-FEG kif stipulati fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u li tressqet fi żmien l-iskadenza ta' 10 ġimgħat imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament. L-awtoritajiet Daniżi saħqu li l-applikazzjoni hija magħmula f'ċirkostanzi eċċezzjonali u tiġġustifika t-talba għal appoġġ mill-FEG minħabba l-importanza ta' min jimpjega fis-suq tax-xoġhol lokali, is-sitwazzjoni globali tas-suq tax-xoġhol fil-muniċipalitá ta' Skive kif ukoll ix-xejriet demografiċi.

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

Wieħed mill-kriterji ewlenin għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni kien l-evalwazzjoni tar-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali kbar li seħħew fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni.

L-awtoritajiet Daniżi saħqu li s-sensji fi Flextronics Denmark huma konsegwenza diretta ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummerċjali dinjija fil-qasam tas-servizzi pprovduti minn Flextronics Denmark, jiġifieri s-servizzi ta' disinn u ta' manifattura elettronika għall-manifatturi ta' tagħmir elettroniku oriġinali.

Flextronics International Denmark A/S inħolqot fl-2004 bħala parti minn Flextronics International Ltd., li kienet irreġistrata fl-1990 f'Singapor, wara li kibret minn kumpanija oriġinarjament Amerikana bbażata f'Silicon Valley fl-1969. Fl-2011, Flextronics għet ikklassifikata, skont CircuitsAssembly.com<sup>1</sup>, bħala t-tieni kumpanija globali ta' Servizzi għall-Manifattura tal-Elettronika (EMS) f'termini ta' introjtu.

Flextronics, ukoll segwiet ix-xejra reċenti fejn il-faċilitajiet tal-produzzjoni ta' tagħmir elettroniku jiċċaqalqu lejn l-Asja, hekk kif il-Kwartieri Ġenerali ta' Singapor iddeċidew li jagħluq l-intrapriża Daniża filwaqt li fl-istess ħin jespandu barra l-Ewropa. Dwar l-aġenda tal-iżvilupp ta' Flextronics International Ltd., qed issir enfasi fuq il-ħolqien ta' parks enormi tal-produzzjoni fl-Amerika t'Isfel u fix-Xlokk tal-Asja<sup>2</sup>.

Flextronics Denmark kien produttur importanti ta' bordijiet ta' ċirkwiti stampati (PCBs) li huma komponenti bażiċi ta' kwalunkwe tagħmir elettroniku bħal smart kards, logħob elettroniku, kameras diġitali, mowbajls, kompjuters personali, eċċ. Billi l-kumpanija testernalizza x-xogħol tal-produzzjoni ta' dawn il-bordijiet lill-kumpanija dipendenti Multek, wieħed mill-fornituri l-aktar magħrufa tal-PCB fid-dinja, li jipprovdu soluzzjonijiet one-stop tal-interkonnessjonijiet fl-industrija elettronika, l-output ta' Flextronics Denmark u s-suq Ewropew tal-PCBs rilevanti ma kinux aktar ta' interess għal Flextronics International Ltd.

Multek, li twaqqfet fl-1978, bħalissa timpjega aktar minn 12 000 ħaddiem madwar id-dinja li jaħdmu f'għaxar faċilitajiet fuq erba' kontinenti differenti. Fl-Ewropa, fadal biss 420 impjegat (Rigid PCB Manufacturing-Germany) u 370 fl-Istati Uniti, filwaqt li l-postijiet fiċ-Ċina qed jespandu malajr (b'10 900 impjegat), li qed ifornu l-industrija elettronika fin-Nofsinhar tal-Asja li qed tikber b'pass mgħaġġel ħafna. Il-Ġappun u r-reġjun tal-Asja-Paċifiku kollettivament jammontaw għal sehem kbir tas-suq dinji tal-PCBs, l-istess bħall-Indja u ċ-Ċina. Raġuni ewlenija għas-sinifikat dejjem akbar ta' dawn il-pajjiżi hija l-espansjoni rapida tal-manifattura elettronika hemmhekk, speċjalment minħabba l-ispejjeż tal-ħaddiema u l-benefiċċji tal-ispejjeż tal-manifattura<sup>3</sup>.

Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, u f'sitwazzjoni fejn is-swieq fl-Ewropa għall-produzzjoni tal-elettronika qed jiċkienu b'mod ġenerali u għall-PCBs b'mod partikolari, id-deċiżjoni għall-għeluq ta' Flextronics Denmark ittieħdet mill-kuartieri ġenerali tal-kumpanija f'Awwissu 2011.

<sup>1</sup> <http://www.circuitsassembly.com/cms/component/content/article/159/10901-ems-top-50>

<sup>2</sup> <http://investors.flextronics.com/phoenix.zhtml?c=98555&p=irol-irhome>

<sup>3</sup> <http://www.electronics.ca>

Il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati li għandhom jiġu ffinanzjati, inkluża l-kompatibilità tiegħu ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali, jinkludi miżuri għar-riintegrazzjoni fix-xogħol tal-153 ħaddiem fil-mira, bħal pereżempju l-evalwazzjoni tal-kwalifiki u l-kompetenzi, l-edukazzjoni ġenerali u t-taħriġ vokazzjonali għal xogħol li ma jeħtieġx sengħa, taħriġ vokazzjonali għal xogħol tas-sengħa, korsijiet tekniċi għat-tekniċi, korsijiet speċjalizzati għal diriġenti u inġiniera, korsijiet ta' tħejjija għal imprendituri futuri, ippjanar tan-negożju u pariri, rikollokament individwali u benefiċċji ta' sussistenza.

Skont l-awtoritajiet Daniżi, dawn il-miżuri kollha li ssemmew flimkien joħolqu pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati u jirrappreżentaw miżuri għas-suq tax-xogħol attivi bil-għan li l-ħaddiema jkunu integrati mill-ġdid fis-suq tax-xogħol. Dawn is-servizzi personalizzati bdew fil-21 ta' Marzu 2012.

Fir-rigward tal-kriterji inklużi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Daniżi fl-applikazzjoni tagħhom:

- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma tissostitwixxix miżuri li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
- urew li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għal ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
- ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli msemmija hawn fuq ma jirċievux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, id-Danimarka nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess entitajiet li jmexxu u jikkontrollaw il-finanzjament tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fid-Danimarka.

### **Skont il-valutazzjoni tal-Kummissjoni, l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti fir-Regolament dwar il-FEG u tirrakkomanda lill-Awtorità tal-Baġit tapprova l-applikazzjonijiet.**

L-ammont tal-appropriazzjonijiet ta' pagament li inizjalment iddaħħal fil-linja baġitarja 04 05 01 fl-2012 se jintuża bis-sħiħ wara l-adozzjoni tal-proposti miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja ppreżentati sa issa għall-mobilazzjoni tal-FEG u għalhekk mhux biżżejjed biex ikopri l-ammont meħtieġ għall-applikazzjoni preżenti. Ġie rikjest, permezz tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru. 6/2012, it-tisħiħ tal-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-linja baġitarja tal-FEG fl-ammont ta' 17 657 535 EUR f'appropriazzjonijiet ta' pagament. L-appropriazzjonijiet minn din il-linja baġitarja msaħħa, se jintużaw biex ikopru l-ammont ta' EUR 1 370 910 li huma meħtieġa għall-applikazzjoni attwali.

### **III. Il-Proċedura**

Il-Kummissjoni ppreżentat talba ta' trasferiment sabiex iddaħħal appropriazzjonijiet ta' impenn speċifiċi fil-baġit 2012, kif mitlub fil-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

It-trilogu dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG jista' jieħu forma ssimplifikata, kif previst fl-Artikolu 12(5) tal-bażi legali, sakemm ma jkunx

hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Parlament u l-Kunsill.

Skont ftehim intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali għandu jkun assoċjat mal-proċess, sabiex jiġu pprovduti appoġġ u kontribut kostruttivi għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, ikkonfermat l-importanza li tiġi żgurata proċedura rapida, bir-rispett dovut għall-Ftehim Interistituzzjonali għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond.

## **ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI**

EK/iċ  
D(2012)55157

M. Alain Lamassoure  
President tal-Kumitat għall-Baġits  
ASP 13E158

### **Suġġett: Opinjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall- Globalizzazzjoni (FEG) għall-każ EGF/2011/013/DK/Flextronics (COM(2012)623)**

Sur Lamassoure,

Il-Kumitat għall-Impjiegi u Affarijiet Soċjali (EMPL) kif ukoll il-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar il-FEG eżaminaw il-mobilizzazzjoni tal-FEG għall-każ

EGF/2011/013/DK/Flextronics u adottaw l-opinjoni li ġejja.

Il-Kumitat EMPL u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-FEG huma favur il-mobilizzazzjoni tal-Fond b'rabta ma' din it-talba. F'dan ir-rigward, il-Kumitat EMPL jippreżenta xi rimarki mingħajr, madankollu, ma jqajjem dubju dwar it-trasferiment tal-pagamenti.

Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat EMPL huma msejsa fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- A) Billi din l-applikazzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 2(c) tar-Regolament FEG u tittratta 153 mit-303 sensji eliġibbli li seħħew qabel, matul u wara l-perjodu ta' referenza bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Ottubru 2011 fl-impriża unika Flextronics International Denmark A/S;
- B) Billi d-Danimarka tistabilixxi rabta bejn is-sensji u t-tibdil strutturali kbir fix-xejriet kummerċjali dinjija fil-qasam tas-servizzi ta' disinn u ta' manifattura elettronika;
- C) Billi s-sid ta' Flextronics International Denmark A/S, b'bażi f'Singapor, iddeċieda li jagħlaq l-intrapriża Daniża b'segwitu għad-deċiżjoni li joħloq parks tal-produzzjoni enormi fl-Amerika t'Isfel u fix-Xlokk tal-Asja;
- D) Billi l-kumpanija esternalizzat il-produzzjoni ta' bordijiet ta' ċirkwiti stampati (PCBs) lejn wieħed mill-aktar fornituri tal-PCB magħruf fid-dinja, iż-żamma ta' Flextronics Denmark ma kienx fl-interess ta' Flextronics International Ltd (b'bażi f'Singapor), b'mod partikolari fis-sitwazzjoni fejn il-Ġappun u r-reġjun tal-Asja-Paċifiku attwalment jirrappreżentaw il-parti ewlenija tas-suq dinji tal-PCBs;
- E) Billi l-awtoritajiet Daniżi jisħqu li l-għeluq ta' Flextronics hija piż kbir fuq l-ekonomija u l-impjiegi lokali fil-muniċipalità ta' Skive, li ġarrbet tnaqqis ta' 35 % fl-

impjegi industrijali fil-perjodu 2006-2011 u li t-telf ta' impjegi kien aktar importanti minn dak f'partijiet oħra tad-Danimarka;

- F) Billi 47.06 % tal-ħaddiema koperti mill-miżuri huma rġiel u 52.94 % huma nisa; billi 77.12 % għandhom bejn il-25 u l-54 sena u 19.61 % tal-ħaddiema għandhom iktar minn 55 sena;
- G) Billi 71.89 % tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja huma operaturi tal-impjanti u tal-magni u 13.07 % huma fil-kategorija tat-tekniċi u professjonisti assoċjati;

Għaldaqstant, il-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal risoluzzjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni Daniża:

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament FEG (1927/2006) huma ssodisfati u li għalhekk id-Danimarka hija intitolata għal kontribut finanzjarju skont dan ir-regolament.
2. Jilqa' l-applikazzjoni Daniża, madankollu jiddeplora l-fatt li, minkejja d-diversi mobilizzazzjonijiet Daniżi tal-FEG b'suċċess, kemm skont kriterji relatati mal-kummerċ kif ukoll dawk relatati mal-kriżi, id-Danimarka hija fost dawk il-pajjiżi li qed jipperikolaw il-futur tal-Fond wara l-2013 u qed jibblokkaw l-estensjoni tad-deroga marbuta mal-kriżi; barra minn hekk huwa ta' tħassib li d-Danimarka qed tapplika għall-mobilizzazzjoni tal-FEG f'isem Flextronics International Denmark, stabbilita minn Flextronics International Ltd reġistrata f'Singapor, li ħa tmexxi l-faċilitajiet tagħha lejn l-Asja;
3. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi ppreżentaw l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fil-21 ta' Diċembru 2011 u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea biss fid-19 ta' Ottubru 2012; jiddispijaċih dwar il-perjodi ta' evalwazzjoni twal u jistaqsi għalfejn din l-applikazzjoni partikolari Daniża kienet teħtieġ valutazzjoni ta' 10 xhur; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel il-proċess ta' evalwazzjoni aktar rapidu;
4. Jitlob li jkun hemm reċiproċità fil-kummerċ bejn l-UE u l-pajjiżi terzi bħala kundizzjoni essenzjali biex il-kumpaniji tal-UE jiksbu aċċess għal swieq ġodda li mhumiex Ewropej;
5. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi jinfurmaw li skont il-valutazzjoni tagħhom mit-303 ħaddiem li ngħataw s-sensja huma biss 153 li jagħżlu li jipparteċipaw fil-miżuri; jistieden lill-awtoritajiet Daniżi jużaw l-appoġġ tal-FEG fil-potenzjal kollu tiegħu;

6. Jinnota li r-reġjun ta' Midtjylland, fejn tinsab il-muniċipalità ta' Skive, diġà bbenefika mill-appoġġ tal-FEG permezz ta' żewġ applikazzjonijiet: EGF/2010/017 Midtjylland Machinery u EGF/2012/003 Vestas;
7. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi jipproponu pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati (EUR 12 891 kull ħaddiem); jilqa' madankollu l-fatt li l-pakkett jikkonsisti f'miżuri li huma addizzjonali u innovattivi meta mqabbla ma' dawk offruti regolarment mill-aġenziji tax-xogħol u huma adattati sabiex jassistu gruppi differenti ta' ħaddiema fir-rigward ta' ħiliet u esperjenza sabiex dawn ikunu jistgħu jaffrontaw is-suq tax-xogħol lokali diffiċli;
8. Jilqa' l-fatt li l-korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali għandhom fil-mira oqsma ġodda ta' tkabbir possibbli u li t-tfassil tal-pakkett koordinat huwa bbażat fuq riċerka dettaljata tas-suq tax-xogħol lokali u l-karatteristiċi tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja;
9. Jilqa' l-fatt li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati joffri wkoll korsijiet għall-ftuħ ta' negozju ġdid, previsti għal 20 ħaddiem; jinnota li ma huwa propost l-ebda inċentiv finanzjarju għall-ftuħ ta' negozji;
10. Jieħu nota madankollu tal-kumpens għas-sussistenza ta' EUR 4 439 kull ħaddiem għall-parteċipazzjoni fil-miżuri u jqis li huwa għoli wisq; ifakkar li l-FEG fil-futur għandu jkun primarjament allokat għat-taħriġ u t-tiftix ta' impjeg kif ukoll għal programmi ta' orjentazzjoni tax-xogħol, u li l-kontribut finanzjarju tiegħu għall-benefiċċji għandu dejjem ikun ta' natura addizzjonali u parallel ma' dak disponibbli għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja b'riżultat tal-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;

Dejjem tiegħek,

Pervenche Berès

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	10.12.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 34 -: 0 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Francesca Balzani, Zuzana Brzobohatá, Jean Louis Cottigny, Isabelle Durant, Göran Färm, Eider Gardiazábal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Barbara Matera, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Dominique Riquet, Alda Sousa, László Surján, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria Da Graça Carvalho, Frédéric Daerden, Gerben-Jan Gerbrandy, Edit Herczog, Jürgen Klute, Erminia Mazzoni, Georgios Papastamkos, Georgios Stavrakakis, Nils Torvalds
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Pierre Audy